# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 54 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 t'April 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop |

**54/01 Talba**

54/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.07 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**54/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 53.**

54/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 53/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 53/06.

**54/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa 53**

54/03/01 **Para 53/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Letter* of *Acceptance* lill-Kuntratur inħarget u l-Kuntrattur kien ġab l-*Performance guarantee.* Is-SE intalbet toħroġ is-*service order* sabiex isir ix-xogħol. Ix-xogħol strutturali se jibda l-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2014. Is-SE intalbet isegwi x-xogħol.

54/03/02 **Para 53/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-Polza tas-Sigurta' u tingħata l-formola tal-ARMS rigward il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Il-Kunsill talab li dan iż-żewġ pendenzi jitlestew malajr kemm jista' jkun. Is-SE infurmat lis-Sindku, Vici Sindku u l-Kunsillieri u l-Ambaxxatrici li huma jistgħu jżuru t-Torri qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Hija se tinforma lis-Sur Stigter dwar dan.

54/03/03 **Para 53/03/03**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-SE infurmat li għadha ma rċievitx mingħand l-ELC fuq ix-xogħol ġdid li ser isir f'dan il-ġnien ħalli tkun tista' toħroġ l-*works order*. Hi ser tkompli issegwi kif ukoll ser tara li *B Grima & Sons* Ltd jipprovdu l-*picnic tables, bins* u bankijiet sal-15 ta' Mejju. Is-SE għandha tkompli issegwi mal-kuntrattur u l-Perit sabiex dawn jipprovdi stima sabiex isir il-*coping*. Is-Sindku u l-Kunsillier Alfred Muscat ser jiltaqgħu mal-Perit Grech ħalli jaraw xogħol li fadal isir u jirraportaw lill-Kunsill. Is-SE għandha tiltaqa' mal-Periti Grech u Cortis ħalli jirrevedu l-aħħar kontijiet sabiex jinħargu l-kontijiet kollha peress li l-iskema se tagħlaq fl-aħħar ta' Mejju kif ukoll tinħareg posizzjoni dwar il-bilanċi li għandhom mhux utilizzati. Is-SE għandha tkompli ssegwi mal-*Paying Agency* ħalli jitħallas il-kuntrattur kemm jista' jkun malajr.

54/03/04 **Para 53/03/04 :- Triq San Gwann**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija reggħet kitbet lit-Transport Malta (TM) dwar il-*bollards* li tkissru fi Triq San Ġwann u TM infurmaw li l-*maintenance* trid issir mill-Kunsill. Il-Kunsill sostna li dan hu proġett li sar mit-TM u għalhekk il-*maintenance* għandha issir minn TM. Ukoll TM għadhom lanqas waħħlu l-*cats eyes* kif suppost. Is-SE intalbet terġa tikteb lit-TM.

54/03/05 **Para 53/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT*** – Is-SE infurmat li għad trid tagħmel laqgħa mal-*Green MT*..

Il-Kunsillier Muscat u l-Kunsillier Vincent Galea offrew li jkunu preżenti meta jinfetħu t-*tenders* fil-20 ta' Mejju 2014 f'12.00pm.

Is-SE infurmat li għadha qed taħdem fuq is-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq.

Sadanittant il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartment għal-Gvern Lokali (DGL) għall-estenzjoni fuq il-kuntratt tal-gbir tal-iskart imħallat mill-Euroclean sakemm jiġi aġġudikat u ffirmat il-kuntratt il-ġdid.

54/03/06 **Para 53/03/06**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-*Euro Clean* kif ukoll tikteb lid-DLG dwar l-ammonti mitluba ghaz-zieda fil-prezz tad-diesel.

54/03/07 **Para 53/03/07 :- Festival tal-Ħalib 2014** –Is-SE infurmat lill-Kunsill li għad ma ghandix l-irċevuti sabiex tkun tista tibgħat talba lid-DLG ħalli tinħareġ l-għotja sabiex jinfdew parti mill-ispejjez. Is-SE intalbet issegwi mill-qrib ladarba l-pagamenti hargu mill-Kunsill.

54/03/08 **Para 53/03/08 :-** Is-SE infurmat li għadha qed tistenna mingħand il-*Paying Agency* aktar dettalji ta' kif għandha issir it-tabella u tinforma lill-Perit dwar dan. Is-SE intalbet tara x'hemm bżonn isir ħalli din it-tabella tkun tista' tiġi ordnata.

54/03/09 **Para 53/03/09:- *Live Streaming***:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li sabiex ikunu jistgħu jinżammu l-filmati tal-laqghat hemm bżonn li ssir emenda mill-*webmaster*. Hija qalet li pero dan il-filmati jiġu trasmessi fuq *You Tube*. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan l-arranġament (tal-*You Tube*) u għalhekk iddeċieda li ma jittellgħux filmati tal-laqgħat fuq il-website. Is-SE infurmat li għadha ma rċevitx l-irċevuta sabiex tkun tista'tibgħat it-talba lid-DGL.

54/03/10 **Para 53/03/11:- Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lit-TM dwar il-postijiet fejn iridu jeħlu t-*traffic humps.*

54/03/11 **Para 52/03/13**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:**- Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva stima oħra mingħand is-Sur J. Mula u dawn il-plakek se jiswew €70 il-waħda mingħajr twaħħil u bit-twaħħil se jiswew €20 iżjed. Il-Kunsill unanimament approva li għalissa ssir plakka waħda ħdejn il-Knisja Parrokkjali u din titwaħħal mill-ħaddiema tal-Kunsill u teħel fuq il-bankina ta' taħt iz-zuntier.

54/03/12 **Para 53/03/12:- Kunċert Mużikali:** Il-Kunsill ingħata dettalji tal-laqgħa li saret mas-Surmast Christopher Muscat fejn ġie diskuss program ta' mużika sagra bis-sehem ta' musiċista fuq l-arpa u kantanta. Il-Kunsillier A. Muscat informa li hu kien tkellem mal-Kapillan u dan qabel li dan il-kunċert isir fil-Knisja Parrokkjali fil-11 ta' Lulju 2014. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti l-attivitajiet marbuta ma Jum Ħal Għargħur 2014 u l-Għoti tal-Unur Excelsior.

54/03/13 **Para 53/03/13:- *Business Plan* 2014 -2017:** Is-SE infurmat li għad trid taħdem fuq dan id-dokument.

54/03/14 **Para 53/03/14:-** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-Enemalta sabiex jinkiseb il-permess sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

54/03/15 **Para 53/03/15:-** Is-SE infurmat li hija flimkien mal- Kunsillier Galea ħadmu fuq l-applikazzjoni tal-*Accessibility Award* u din intbgħatet lil-Ministeru konċernat.

54/03/16 **Para 53/03/16**:- Is-SE infurmat li ċċekkjat fuq il-Korrispondenza mingħand id-DLG dwar *Capital Vote 7237 – EU funded projects in Localities* pero għandha titlob spjegazzjoni mid-DGL.

54/03/17 **Para 53/03/17:- Poloz tas-Sigurta'**: Is-SE infurmat il-Kunsill li għad trid tiċċekkja l-poloz eżistenti peress li kienet indisposta. Hija se tieħu ħsieb din il-materja mill-aktar fis possibbli.

54/03/18 **Para 53/03/18:- Tberik tal-Annimali:** Is-Sindku informa li l-Kumitat Tberik tal-Annimali kien qabel li l-Kunsill jieħu ħsieb li jinġiebu l-*iscouts*. Is-Sindku ħeġġeġ lis-SE sabiex tikkonferma li l-Pulizija ser ikunu preżenti waqt din l-attivita'. Il-Kapillan kien għamel applikazzjoni formali għand il-Pulizija.

54/03/19 **Para 53/03/19**:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija se tibda taħdem fuq it-*Tender* għal-Konkos għall-Sqaq il-Maħruq u tibgħat id-dokument għal verifika lil-Majjistral *Group* qabel ma toħroġ is-sejħa.

54/03/20 **Para 53/03/20**:- Il-Kunsillier V. Galea nforma li huwa għadu qed jistenna risposta rigward il-ġemellaġġ.

54/03/21 **Para 53/03/21:- Talba 8114019208583** – Il-Kunsill innota li diversi persuni xtaqu li l-aċċess għat-traffiku għal Sqaq Warda jingħalaq permezz ta' tabelli tat-traffiku minflok *bollards*. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob il-permess ta' TM sabiex jeħlu dawn it-tabelli.

54/03/22 **Para 53/03/22:- Ilment 18114025208584** - Ilment li f'Wied Anġlu qed jintefa terrapien. Is-SE infurmat li hi kienet kitbet kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-MEPA imma għadha ma rċievitx l-ebda rapport dwar x'azzjoni ittieħdet. Sadanittnat kienu daħlu aktar ilmenti.

54/03/23 **Para 53/03/23**:- ***Reserved parking bay* fi Triq Indipendenza** - Is-SE infurmat li għad trid tikteb lit-TM sabiex titlob l-approvazzjoni biex din titneħħa.

54/03/24 **Para 53/03/27:-** Il-Kunsillieri Muscat u Galea infurmaw lill-Kunsill li l-ħarga kulturali għal Marsaxlokk f'Jum San Girgor kienet ta' suċċess.

54/03/25 **Para 53/03/28:-** Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech, is-SE kienu iltaqgħu mas-Sur Eusebio Aquilina. Ġie diskuss li d-DVD se jiffoka fuq il-ħajja tar-raħal u l-attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena. Il-Viċi Sindku offra li se jikteb l-*iscript* u jieħu ħsieb l-*voice over.* Il-Kunsill irringrazzja lil Viċi Sindku. Id-DVD se jkun twil madwar siegħa. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan id-DVD.

54/03/26 **Para 53/03/29:-** Is-SE infurmat li rrevediet l-aħħar *inspection report* tal-lift li sar fl-aħħar ta' Ġunju 2013. Hija għandha tieħu ħsieb li tagħmel appuntament mal-Inġineer.

54/03/27 **Para 53/05/01**:- Is-SE infurmat li għad trid tordna l-*bin.*

54/03/28 **Para 53/05/02:-** Wara li saret konsultazzjoni ma uħud mir-residenti l-Kunsill unanimament iddeċieda li Triq Santa Katerina (il-parti li mir-*roundabout* twassal għas-Swieqi) tiġi *one way except for residents* sabiex it-triq tkun magħluqa għat-traffiku min-naħa tas-Swieqi ħlief għar-residenti. Is-SE intalbet tikteb lill-Kunsill tas-Swieqi fejn min naħa tagħhom ser jieħdu ħsieb jitolbu lit-TM sabiex jinħareg il-permess ħalli tiġi implimentata din il-miċura.

54/03/29 **Para 53/05/09:-** Ir-resident li kien għamel l-ilment għandu jintalab sabiex meta jisma' l-istorbju jmur fuq il-post ħalli flimkien mad-diriġenti tal-post jiddentifika x'ikun qed jikkawża dan l-istorbju.

Il-Kunsill irċieva suġġeriment sabiex fi Triq Sta Katerina titwaħħal mera oħra sabiex turi t-traffiku li jkun ġej min-naħa tar-raħal għal min ikun ħiereg mill-*parking area*. Is-SE intalbet isegwi mas-sid.

54/03/30 **Para 53/05/09:-** Is-SE intalbet isegwi ir-*refreshing tal-markings* tal-Pjazza tad-Dejma u Triq Fidel Zarb.

54/03/31 **Para 53/06/02:-** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lil TM dwar ix-*Shifting of a Loading/Unloading Bay*. Rigward it-tabelli li hemm bżonn jinbidlu s-SE qalet li hi ilha xhur tipprova taqbad mal-Koptasin ħalli dawn jibgħatu t-tabelli u l-mirja li ilhom ordnati u ser tkompli issegwi.

54/03/32 **Para 53/06/05:-** Korrispondenza mingħand TCTC dwar *IKIDS 2014 in Gharghur*. Is-SE intalbet tara li l-kuntratt mat-TCTC jsir skont il-ftehim. Is-SE infurmat li diga bdew jintlaqghu applikazzjonijiet ghal dan il-kors.

54/03/33 **Para 53/07/01:-** Is-SE infurmat li għadha ma rċievitx risposta mid-DLG dwar il-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Hi se tkompli issegwi.

54/03/34 **Para 53/07/02:-** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lir-resident li daħal bil-karrozza tiegħu f'ħajt pubbliku fi Triq Għaxqet l-Għajn.

54/03/35 **Para 53/07/05:-** Il-Kunsillier Fenech rega staqsa fejn waslet it-talba tal-Kunsill sabiex ċerti żoni jingħataw isem. Is-SE infurmat li hi kienet kitbet u bgħatet *reminders* imma s'issa ma irċievewx risposta. Is-SE intalbet sabiex issegwi dan il-każ.

**54/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

54/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

**54/05 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**

54/05/01 Is-SE ippreżentat lill-Kunsill l-*Audit Adjustments* u l-*Audited Accounts* tal-Kunsill għas-sena 2013 li kienu ippreparati wara li kien sar l-*Audit.* Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-SE ser tieħu ħsieb li nirċievu l-*Management letter* u flimkien mal-*accountant* tipprepara risposta.

**54/06 Ilmenti u Suggerimenti**

54/06/01 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi irċieva ilment fejn f'ċertu żmien tas-sena ikun hemm 2 karozzi ipparkjati fi Triq il-Ġnien f'parti li hi *blind corner*. Huwa ssuġġerixxa li jsiru *double yellow lines* f'dan il-post. Il-Kunsill iddeċieda li jinvestiga aktar dan is-suġġeriment.

54/06/02 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien approva li jixtraw 4 jardi konkos sabiex jitwitta parti minn Sqaq il-Qiegħed. Ir-resident li originarjament kien għamel it-talba qal li hu baqa' ma sabx ħaddiema li lesti jgħinuh sabiex iwitti dan il-konkos. Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi jara jekk dan ix-xogħol jistax isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**54/07 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

54/07/01 Korrispondenza mit-TM dwar '*Tarmac in Public Road* in Triq Indipendenza Ħal Gargħur'. Is-SE infurmat li hi kienet bagħtet ir-ritratti mitluba.

54/07/02 Korrispondenza dwar ħofor fi Sqaq il-Ġonna. Is-SE infurmat li dawn il-ħofor ingħalqu permezz tal-*patching.*

54/07/03 Korrispondenza dwar *'Local Councils participation in Imnarja 2014'* ġiet innotata mill-Kunsill.

54/07/04 Korrispondenza dwar varar tas-sistema tal-permessi tal-krenijiet *online*-29 t' April 2014. Is-SE ser tattendi.

54/07/05 Ċirkulari AGL Ċirk 29/2014-Biljetti b' xejn għall-Finali tal-*EUFA Under 17 Championships*. Din il-korrispondenza kien qiegħed jieħu ħsiebha l-Kunsillier Vincent Galea.

54/07/06 Korrispondenza dwar tmiem tal-*After School Sport Programme*. Is-SE u l-Kunsillier Galea ser jieħdu ħsieb isegwu filwaqt li l-Kunsillier Vincent Galea ser ikun prezenti waqt it-tqassim iċ-ċertifikati peress li s-Sindku għandu impenji oħra meta ser issir iċ-ċerimonja.

54/07/07 Korrispondenza fejn kumpanija qed tallega li parti minn Triq Dimitriju Farrugia hi privata. Il-Kunsill unanimament qabel li s-SE tibgħat tweċiba lill-mittent u tibgħat din il-korrispondenza lid-DGL, lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-TM.

54/07/08 Korrispondenza urġenti mid-DGL dwar Proġetti tal-ERDF ġiet innotata. Is-SE bgħatet r-ritratti mitluba tal-proġetti eżistenti lid-DGL.

**54/08 Materja Ohra u Mistoqsijiet**

54/08/01 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw il-kontribut tagħhom għall-ħarga tal-fuljett ta' Ġunju 2014.

54/08/02 Rigward *il-culvert* ta' Triq il-Ġnien il-Kunsill unanimament qabel li titneħħa t-torba u minfloka jitpoġġa żrar oħxon ħafna.

54/08/03 Is-SE intalbet tibgħat lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jibda jaqta' il-ħaxix selvaġġ fi Triq Għaxqet l-Għajn, Triq tal-Ferħa u Triq il-Ġnien. Il-ħaddiem l-ieħor għandu jibda x-xogħol ta' *refreshing tal-markings* u għalhekk il-Kunsill unanimament approva x-xiri taż-żebgħa, *thinner* etc. li jkun hemm bżonn.

54/08/04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li waħda mill-ħaddiema tal-amministrazzjoni wara li ħadet xi ġranet *sick leave* ġiet infurmata mid-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali li ma kienitx ser tingħata kumpens bħal ma jsir is-soltu peress li ma kellix kontribuzzjonijiet imħallsa biżżejjed. Il-Kunsill unanimament approva sabiex fiċ-ċirkustanzi din il-ħaddiema titħallas il-paga sħiħa mingħajr tnaqqis.

**54/09 Aġġornament**

54/09/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.46 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **20 ta' Mejju 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |